III

(Atti preparatorji)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Proposti leġiżlattivi adottati mill-Kummissjoni

(2011/C 189/02)

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 153		19.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, fuq l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV UE-Ġordan
COM(2011) 158		8.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Isvezja tapplika rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-elettriku għall-elettriku pprovdut direttament lil vapuri rmiġġati f'port ("elettriku mill-art") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE
COM(2011) 169		13.4.2011	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/96/KE li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku
COM(2011) 182		7.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija
COM(2011) 188		11.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt KE-Andorra, fir-rigward tal-lista ta' dispożizzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà doganali li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 12(1) tal-Ftehim, f'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea min-naħa l-waħda u l-Prinċipat ta' Andorra, min-naħa l-oħra.
COM(2011) 189		12.4.2011	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (Kodifikazzjoni)
COM(2011) 191		11.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jestendi d-dazju kompensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju kompensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 598/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li jwaqqaf l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapor

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 192		11.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika għall-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le, u li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 599/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet ikkunsinnati minn Singapor
COM(2011) 193		11.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet, rifużjonijiet u prezzijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni unika tas-swieq agrikoli
COM(2011) 197		13.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-melamina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
COM(2011) 198		12.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' karta fina miksija li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
COM(2011) 201		12.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju definittiv kontra s-sussidji fuq l-importazzjonijiet ta' karta fina miksija li toriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
COM(2011) 203		13.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tat-trab żeolit A li joriġinaw mill-Bosnja-Ħerzegovina
COM(2011) 207		14.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1292/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw fl-Indja
COM(2011) 209		13.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-furfuraldeid li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009
COM(2011) 210		18.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1425/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fil-Malażja
COM(2011) 212		14.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium mill-Belġju)
COM(2011) 215		13.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 216		13.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni talprivattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni
COM(2011) 221		20.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
COM(2011) 223		20.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
COM(2011) 224		20.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li tistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu
COM(2011) 226		20.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali, biex jindirizza ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali tal-proġett tal-ITER
COM(2011) 227		27.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde
COM(2011) 228		27.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde
COM(2011) 229		27.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde
COM(2011) 230		26.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Montenegro li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu
COM(2011) 231		28.4.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni
COM(2011) 233		18.4.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-membri tal-Kumitat tal-Fond Soċjali Ewropew
COM(2011) 235		4.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura partikolari ta' deroga għall-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 238		2.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala t-tieni parti, l-Islanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti; u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Islanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Islanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti
COM(2011) 239		2.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala t-tieni parti, l-Islanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti; u dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Islanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Islanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti
COM(2011) 241		10.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati
COM(2011) 243		2.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut
COM(2011) 245		5.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (riformulazzjoni)
COM(2011) 250		5.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati mill-proġetti taħt id-9 EDF u Fondi Ewropej tal-Iżvilupp (EDFs) preċedenti għall-koperazzjoni għall-iżvilupp fis-Sudan ta' Isfel
COM(2011) 251		6.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard mid- Danimarka)
COM(2011) 252		6.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, min-naħa l-oħra
COM(2011) 253		6.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil, min-naħa l-oħra

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 258		6.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/022 DK/LM Glasfiber mid-Danimarka)
COM(2011) 259		18.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li temporanjament jissospendi d-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji
COM(2011) 261		11.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jtemm il-proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' fibri diskontinwi tal-poliester li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
COM(2011) 262		16.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar id-Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat Konġunt ta' Ġestjoni għall-kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji, imwaqqaf bil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika taċ-Ċilì minn naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Appendiċi V.A. tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
COM(2011) 265		16.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi d-Deċiżjoni 2010/371/UE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Madagaskar taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE
COM(2011) 266		6.5.2011	Proposta Konġunta għal Regolament tal-Kunsill rigward miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja
COM(2011) 267		18.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma
COM(2011) 268		10.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda
COM(2011) 269		17.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 7/2010 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali
COM(2011) 270		17.5.2011	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/96 li jissospendi b'mod temporanju d-dazji awtonomi tat-Tariffi Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali, agrikoli u tas-sajd
COM(2011) 273		10.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall
COM(2011) 277		20.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' ftehim volontarju dwar sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, governanza u kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT)
COM(2011) 279		18.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar mill-Unjoni Ewropea tal-Kostituzzjoni u r-Regoli ta' Proċedura emendati tal-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma

Dokument	Parti	Data	Titolu
COM(2011) 280		19.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri
COM(2011) 281		19.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri
COM(2011) 282		20.5.2011	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' ftehim volontarju dwar sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, governanza u kummerċ tal-injam u l-prodotti magħmulin minnu fl-Unjoni Ewropea (FLEGT)

Dawn it-testi jinsabu fuq EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu